Minuti tal-laqgħa numru sitta u sittin tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li nzammet nhar il-25 ta' Marzu 2024 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv fi 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Is-Sur David Michael Schembri | Sindku |
| | Is-Sur Patrick Bugeja | Viċi Sindku |
| | Is-Sa Marion Parnis | Kunsillier |
| | Is-Sur Anthony Bonello | Deputat Segretarju Ezekuttiv |
| Skuzat: | Is-Sur Charles Zerafa | Kunsillier |
| Assenti: | Is-Sur Daniel Farrugia | Kunsillier |

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

66.01 **Qari tal-itti ta' apoloġija** — Apoloġija

Inqrat l-apoloġija tas-Sur Charles Zerafa tal-25 ta' Marzu 2024 u din kienet aċċettata unanimament.

66.02 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti numru ħamsa u sittin (65)** — Minuti

Il-Minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu pprovduti minn kmieni lill-kunsillieri flimkien mal-aġenda, ġew meħuda bħala moqrija u dawn kienu imressqa għall-vot mis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri u ssekondati mil-Viċi Sindku, is-Sur Patrick Bugeja u kienu approvati b'vot unanimu.

**Punti mill-Minuti**

66.02.01 Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq punt 65.07, l-iSkema tad-DLG: SPI/SCI/01/2024 Servizz ta' Xogħlijiet għal Zvilupp ta' Community Gardens. Fil-laqgħa preċedenti kien deċiz li napplikaw għal *railing* madwar il-funtana tal-Ġnien tal-Kmand u fuq zewġ pompi tal-ilma, waħda għall-istess funtana u l-oħra għall-ġiebja. Hu qal li se jkollna nirtiraw ix-xogħol tar-*railing* għaliex skont il-perit din irridnu napplikaw għaliha mal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) filwaqt li l-iskema tad-DLG titlob li nissottomettu dikjarazzjoni mil-Perit li m'hemmx bzonn napplikaw mal-PA. — Ġnien tal-Kmand

66.03 Komunikazzjoni mis-Sindku

66.03.01 Dwar il-Promozzjoni tal-festival tal-patata fuq l-istazzjonijiet televizivi, is-Sur Mario Camilleri, li se jkun qed jieħu ħsieb il-ko-ordinazzjoni ta' dan il-festival bagħat diversi *slots* li se jkunu qed jiġu kkonfermati fil-jiem li ġejjin biex inwasslu dan kollu fuq diversi medja. — Promozzjoni Festival tal-patata

66.03.02 Is-Sindku, is-Sur David Schembri, qajjem is-suġġett tal-isfrundar ta' Triq Rokku Buhagiar. Hu qal li rridu nassistu lid-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi biex dawn jagħmlu investigazzjoni tal-wiċċ u l-bazi tat-triq kemm quddiem il-ħanut tax-xorb kif ukoll quddiem tal-Lottu. Hu qal li dawn kienu se jiġu bejn is-27 u — Investigazzjoni ta' Triq Rokku Buhagiar


Kunsill Lokali Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

d-29 ta' Marzu, izda minħabba li se jkun hawn diversi mpenji marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa mill-Parroċċa, kien suġġerit mil-Viċi Sindku, is-Sur Patrick Bugeja li dan it-tħaffir jibda' minn nhar it-Tnejn, 1 ta' April.

66.03.03 Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi peress li se jkunu ġew ipprintjati tliet kotba verament interessanti fuq il-Qrendi, jiġifieri, *Visiting il-Qrendi*, tas-Sur George Cassar, *The Church of Santa Katarina tat-Torba in Qrendi: A re-assessment* tas-Sur Anthony Mangion, u ieħor fuq is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħniena, hemm bzonn li nagħmlu *launch* tagħhom b'mod formali. Kien deċiz li din issir nhar is-26 ta' April, 2024 fis-7:00pm fil-Kappella tal-Ħniena u se jkunu mistiedna diversi persuni distinti. Books Launch

Waqt il-*books launch* se jitqassmu b'xejn dawn il-kotba lis-Soċjetajiet Muzikali u se jingħataw tokens (plakka) l-edituri.

Is-soċjetajiet se jkunu qed jinkarigaw ruħhom mid-dwal u s-sound u l-live streaming waqt l-attività u wara se jsir riċeviment zgħir.

66.03.04 Is-Sindku, is-Sur David Schembri tkellem fuq l-attività proposta għat-tfal ta' bejn id-9 u t-12-il sena jiġifieri għall-klassijiet 4, 5 & 6 li se jkunu involuti fiha 30 tifel u tifla. Din se tinzamm fl-RMJ's Horse Rescue fejn se jagħtu ċans lil kull parteċipant jagħmel zewġ minuti fuq iz-ziemel. Għal din l-attività se jkun hemm bzonn trasport bil-*private* u din hija ffissata għal nhar il-15 ta' April, 2024 fid-9.00am. RMJ's horse rescue

Attività simili oħra għal min għandu minn 8 snin 'l fuq se ssir xi darba s-Sibt, li rridu niddeċiedu fil-futur, filwaqt li hemm iċ-ċans li nieħdu t-tfal iz-zgħar fil-petting farm f'Ta' Qali.

66.03.05 Is-Sindku, is-Sur David Schembri informa lill-kunsillieri illi applikajna għall-fondi tal-LESA sabiex inbiddlu l-fanali tal-Pjazza u sabiex dawn jikkumplimentaw il-fanali led's *b'warm light*, izda s'issa ma nafux jekk intlaqgħetx jew le. Skema tal-Fondi LESA

66.03.06 Il-Kunsill kien infurmat illi x-xogħlijiet fi Triq il-Karwija, mill-kmamar tan-nar ta' Santa Marija għal fejn ikun ipparkjat il-*bowser* tal-ilma, mexjin u se jitpoġġa ħajt biex l-iskart/irdim li jintefa/kien mitfuħ, ikun *contained* u jitħawwlu s-siġar kif imwiegħed minn Infrastruttura Malta. Il-parti fejn hemm id-Dar tal-Ħares tlestiet bl-*isceed concrete,* għaliex hekk kienet tesiġi l-applikazzjoni li kienu għamlu huma mal-Unjoni Ewropeja. Il-Karwija

66.03.07 Dwar l-Fond għall-Izvilupp tal-Awtorita tal-Ippjanar, is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi l-isqaqien kollha ppjanati issa huma lesti bil-pavimentar izda fl-1 ta' April għandna laqgħa *on-line* mal-Perit Enzo Cachia fil-prezenza tal-Perit tal-Kunsill dwar il-possibilità li nestendu l-proġett għal parti minn Triq il-Kbira magħrufa bħala id-Dawra tal-Ħallelin li tinsab bejn l-1 u s- 7, Triq San Mattew. Kompla jgħid illi hemm €180,000 biex jintuzaw għal dan l-iskop propju f'dan il-kont. Development Fund

66.04 Mistoqsijiet tal-Kunsillieri


Kunsill Lokali Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

66.04.01 Il-Viċi Sindku, is-Sur Patrick Bugeja staqsa dwar Triq il-Ġwiewel filwaqt li s-Sindku, s-Sur David Schembri qal li m'hemmx *feedback* dwar x'se jsir biex jiskula l-ilma minn din it-triq dejqa qalb ir-raba' bil-konsegwenza li meta tagħmel ix-xita ma jkun jista' jgħaddi minnha ħadd. Triq il-Ġwiewel

66.05 **Proposti toqob addizzjonali għall-armar taz-zewġ festi** Toqob tal-Festa

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi jaqbel unanimament illi jsiru t-toqob tal-festa li talbu is-soċjetajiet muzikali, waħda fi Triq Rokku Buhagiar, tnejn fi Triq Antonio Chircop u sitta fi Pjazza Santa Marija. Il-Kunsill iddeċieda li jagħmel tajjeb ukoll għall-ispejjez tagħhom minkejja li l-unika stima li ntalbet mill-uniku kuntrattur li hawn jagħmilhom, is-Sur Angelo Schembri, għadha ma waslitx. Se tintbgħatlu tfakkira.

66.06 **Festival tal-Patata 2024 – Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgħa tal-Kumitat** Festival Agrarju tal-Patata

Kienu approvati il-minuti tal-laqgħa li nzammet nhar it-13 ta' Marzu mas-soċjetajiet u l-entitajiet li se jkunu qed jieħdu sehem fil-Festival Agrarju tal-Patata. Dawn kienu approvati unanimament. Il-Viċi Sindku, is-Sur Patrick Bugeja, qal illi se nkunu qed nirċievu stima biex ikun hemm ukoll is-sehem ta' *The Buskers* bħala attrazzjoni ta' siegħa u nofs għal dan l-istess Festival. Hawn kien deċiz illi din tiġi approvata ħalli nassiguraw ruħna mill-animazzjoni u jkun hawn *crowd puller.*

Is-Sur Patrick Bugeja informa lill-Kunsill li inbidlet il-pozizzjoni tal-*bar* u dan se jsir bejn il-kabbani tal-ikel tas-soċjetajiet muzikali. Mhux possibbli li kull soċjeta' jkollha *bar* tagħha u kienet ukoll diskussa d-diffikultà li l-Kunsill m'ghandux VAT u lanqas *cash register*.

Is-Sindku, is-Sur David Schembri qal illi rridu ngħidu lis-Sur Mario Camilleri sabiex javviċina lill-artist Martin Formosa dwar l-esebizzjoni li se jkun hemm fil-Kappella ta' San Mattew tal-Maqluba.

66.07 **Skema tad-DLG:SPI/SCI/04/2024 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali** SPI/SCI/4/2024

Dwar din l-applikazzjoni s'issa ma kienx hemm proposti.

66.08 **Skema tad-DLG: SPI/SCI/02/2024 – Finanzjament – Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi** SPI/SCI/2/2024

Is-Sindku, is-Sur David Michael Schembri ippropona illi l-KLQ japplika għall-Binja tal-Kunsill peress li fiha se jkun hemm sala u spazju miftuħ li se jilqa' lil kulħadd. Din is-sala se tkun mezz ta' spazju rizervat għall-għaqdiet tar-raħal u għaldaqstant se nitolbu l-għajnuna fuq ir-*railings* tas-sular ta' fuq u fuq l-aperturi li se jkunu *double glazed* u għaldaqstant *energy savers* u post aktar silenzjuz fejn wieħed ikun jista' jiddiskuti b'mod apert.

66.09 **Rapport tal-Evalwazzjoni: Offerta Pubblika għal servizzi legali (re-issue)** Tender - Servizzi Legali

Ir-rapport kien ikkunsidrat u approvat b'vot unanimu wara li kien imressaq għall-vot mis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri u ssekondat mis-Sa Marion Parnis. L-offerta qed tkun rakkomandata lil Dr Thea Lynn Cesare għal €3,000 eskluz il-VAT.

66.10 **Rapport tal-Evalwazzjoni: Offerta Pubblika għal Finishes tal-Kunsill Lokali** Tender – Finishes tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi

Ir-rapport kien ikkunsidrat u approvat b'vot unanimu wara li kien imressaq għall-vot mis-Sindku, is-Sur David Michael Schembri u ssekondat mill-Viċi Sindku,


Kunsill Lokali Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;

is-Sur Patrick Bugeja. L-offerta se tkun rakkomandata lil *Central Power Installations Ltd* li ntwerew ukoll waqt il-laqgħa is-*samples* li pprovdewlna tal-*aluminjum*, il-*fire door u l-floor laminate*. Din se tkun tammonta għal €427,337.09 eskluz il-VAT

66.11 **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti SCH 01 (22/1/24 – 26/2/24) u SCH 190 (Ref: AA/02)** Skedi tal-pagamenti

Kienu approvati b'vot unanimu l-iskedi tal-pagamenti SCH 01 (22/1/24 – 26/2/24) u SCH 190 (Ref: AA/02) bil-proponenti u s-sekondati murija fejn il-firem fuq il-*hard copy*.

66.12 **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** Aġġornament

Il-laqgħa ntemmet fis-7.30pm u l-ewwel laqgħa li jmiss se ssir nhar it-22 ta' April 2024 fil-5.30pm.

Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 22 t'April, 2024 minn David Michael Schembri

Deputat Segretarju Ezekuttiv Sindku


Kunsill Lokali Qrendi; 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi; Tel: 21680404; E-mail: qrendi.lc@gov.mt;